**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Dicembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Samantha Cuschieri**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Samantha Cuschieri** ta' 29 sena imwielda Pieta nhar l-24 ta' Lulju 1992, bint Frans u Lorriane nee Camilleri, residenti Bayview Flats, Triq William Reid, Gzira u detentrici tal-karta tal-identita 361192M

Akkuzata talli nhar it-28 ta' Lulju 2021 ghall-habta tas-2:00 ta' filghodu fi Triq ix-Xatt, Gzira:

1. Volontarjament ghamlet hsara jew harqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamlet hsara fuq hgieg tal-hanut Zen To Go, liema hsara teccedi l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) ghad-dannu ta' Joseph Vassallo u/jew persuni ohra;

Akkuzata wkoll talli nhar it-28 ta' Lulju 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

2. Naqset milli thares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti (Malta) u cioe mill-Imhallef Dr. Edwina Grima LL.d mid-digriet datat 6 ta' Mejju 2020 u li permezz tieghu hija nghatat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur tal-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex l-ammont stabilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn il-proceduri kontra l-imputata jigu trattati bil-procedura sommarja, u rat li l-imputata iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz kontra taghha jigi hekk trattat.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat li fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021, l-imputata irregistrat ammissjoni ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghha.

**5.** Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u li l-piena massima ghal din l-imputazzjoni hija ta' sentejn prigunerija, multa, ir-ri-arrest taghha, kif ukoll li d-depozitu ta' elf Euro u l-garanzija personali ta' ghaxart elef Euro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat difensur taghha biex tara tridx tirrevedi l-pozizzjoni taghha.

**6.** Meta regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputata jekk kellhiex hin bizzejjed biex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha u hi wiegbet fl-affermattiv.

**7.** Mistoqsija mill-Qorti jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha ghat-tieni imputazzjoni, l-imputata wiegbet li qed tikkonferma l-ammissjoni taghha ghal din it-tieni imputazzjoni.

**8.** Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Il-FATTI**

**9.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(i) Fis-sena 2019 gew istitwiti proceduri kriminali kontra l-imputata, u f'dawk il-proceduri l-imputata inghatat il-helsien mill-arrest b'digriet tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Dicembru 2019, li gie emendat b'digriet tal-istess Qorti tas-6 ta' Mejju 2020.

(ii) F'Novembru 2020, l-imputata kienet imfittxija mill-Pulizija ghaliex waqfet tiffirma kuljum l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, kif kienet obbligata li taghmel fid-digriet tal-helsien mill-arrest, ma baqghetx tirrisjedi fir-residenza il-Belt Valletta preskritta fl-istess digriet, minghajr ma infurmat lill-Pulizija, u ovvjament ma kinietx qed tirrinkaza f'din ir-residenza. Kienet ukoll imfittxija fuq proceduri kriminali separati ta' denunzja, stante li allegatament kisret ordni ta' Probation. Kienet imfittxija ukoll mill-Pulizija tal-Ghassa tal-Belt Valletta rigward multa.

(iii) Il-Pulizija kellha informazzjoni li l-imputata kienet qed tiffrekwenta Triq Testaferrata, Gzira, u fil-fatt fit-28 ta' Lulju 2021 fis-seba' neqsin kwart ta' fil-ghodu (6.45a.m.) giet arrestata minn dawk l-inhawi. Pero mill-Ghassa, il-Pulizija kellhom johduha id-Detox Centre ghal kura.

(iv) Nel fratemp, dak in-nhar ukoll ghall-habta tal-hdax neqsin ghaxra ta' fil-ghodu (10.45am) dahal rapport li kienet saret hsara fuq tlett hgiegiet tal-hanut Zen to Go, The Strand, Gzira, bejn is-saghtejn ta' fil-ghodu (2.00a.m.) u s-saghtejn u hamsa ta' fil-ghodu (2.05a.m.) Il-Pulizija marru fuq il-post u inghataw ic-CCTV footage. F'dan il-footage tidher persuna feminili tati tlett daqqiet ta' sieq fuq tlett hgigiet differenti tal-hanut, u mill-filmat il-Pulizija identifikat li l-persuna feminili li tat dawn it-tlett daqqiet ta' sieq kienet l-imputata. L-istima originali moghtija lill-Pulizija minn Joseph Vassallo, general manager tal-hanut Zen to Go, kienet ta' €8574.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*L-Ewwel Imputazzjoni – Hsara Volontarja*

**10.** Fit-trattazzjoni orali, id-difiza qed tikkuntesta din l-imputazzjoni ghax issottomettiet li hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma identifika l-persuna li tidher fil-filmat tac-CCTV, u subordinatament li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li d-danni kienu jeccedu €2,500.

**11.** Fir-rigward tal-ewwel sottomissjoni, din mhix gustifikata. Fl-ewwel lok, fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li tat daqqa ta' sieq fuq hgiega tal-hanut Zen to Go, pero ma tatx kaz xi gralha l-hgiega.[1] Din l-istqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata inghatat id-drittijiet legali kollha taghha, u d-difiza fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma qanqlet xi kwistjoni dwar l-amminissibilita ta' din l-istqarrija.

**12.** In oltre, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransely xehed hekk: *"Ahna mis-cctv footage, kemm in-nies tieghi u kemm jien, gharafna lil Samantha Cuschieri, jigifieri mill-ewwel indunajna li hija hi. Fir-ritratti tal-footage tidher li qeghda b'xaghrha twil, dik jekk taraha issa xagharha qasir. Xagharha twil peress li tilbess il-parokka. Jigifieri kull darba li arrestajnieha dejjem kienet liebsa parrokka twila. Ir-raguni hija li kienet tghid li jkollha patches f'rasha minhabba l-abbuz ta' droga. … … Ic-CCTV tidher car li issa all right x'hin tara l-att mhux se tintgharaf min hu, pero jekk timxi mbaghad mal-footage sakemm tigi tidher se tinduna li kienet Samantha Cuschieri. Jigifieri jekk tiffolwja l-footage hi tidher taghti daqqa ta' sieq ma' kull hgiega. Il-hgieg qeghdin baxxi hekk dawn jigifieri. Taghti daqqa ta' sieq b'certu vjolenza fuqhom."*[2]

**13.** PC 1171 Clayton Mangion xehed li meta ra CCTV footage identifika l-mara li qed tixxuttja l-hgieg bhala l-imputata, u meta gie mistoqsi kif kien jaf li kienet l-imputata wiegeb li dak-in-nhar fil-ghodu hu flimkien ma' pulizija ohra kienu gabruha mill-istess post fuq ksur ta' bail.[3]

---

[1] Ara tergo fol. 8.
[2] Ara fol. 22 sa fol. 23 tal-process.
[3] Ara fol. 58-61 tal-process.

**14.** Ghalhekk, is-sottomissjoni tad-difiza li f'dawn il-proceduri il-Pulizija ma identifikawx lill-imputata fic-cctv footage hija totalment infondata.

**15.** Id-difiza issottomettiet ukoll li skond ir-rapport ta' l-espert Jonathan Mizzi, fil-filmat tidher persuna tkisser hgiega wahda, u mhux tlett hgigiet. Fir-rapport tieghu l-espert Jonathan Mizzi jghid hekk *"Din it-tabella turi lill-mara li saret referenza ghaliha fit-tabella precedneti fejn fi tlett okkazjonijiet differenti, mill-filmati tidher taghti bis-sieq lill-hgieg li kien hemm mal-parti ta' barra ta' Zen to Go. ... ... F'okkazzjoni minnhom (02:01:47) fuq il-filmati jinqabad il-mument li l-hgiega nkisret b'rizultat tad-daqqa li nghatat mill-mara."*[4]

**16.** Ghalhekk l-espert Jonathan Mizzi ma qalx li nkisret hgiega wahda, izda li l-mara tat bis-sieq lill-hgieg fi tlett okkazjonijiet differenti, u fil-filmat jidher il-mument li hgiega minnhom inkisret b'rizultat tad-daqqa. Din il-Qorti rat il-filmat, u tikkonfrma li l-espert kien preciz. Ir-raguni ghalfejn il-filmat ma jurix iz-zewg hgigiet l-ohra jinkisru, huwa ghaliex minn camera wahda tidher mara tati tlett daqqiet ta' sieq fuq tlett hgigiet differenti, izda adjacenti ghal xulxin, tal-hanut. Mill-camera l-ohra, tidher hgiega wahda biss tinkiser (jew ahjar tixxaqqaq ghaliex il-hgieg huwa *laminated*), u r-raguni ghal dan hija semplici, ghax iz-zewg hgigiet l-ohra li fuqhom l-imputata tat id-daqqa ta' sieq, jaqghu il-barra mill-vizwali ta' din il-camera.

**17.** Il-Qorti hija moralment konvinta li iz-zewg hgigiet l-ohra ukoll inkissru kawza tad-daqqa ta' sieq li tathom l-imputata, ghax mill-filmati jidher car li l-imputata tat dawn id-daqqiet ta' sieq lit-tlett hgigiet bi vjolenza, ghax kienet irrabjata, u fil-waqt li kienet qed targumenta fuq il-bankina ma' zewg persuni ohra, li ma gewx identifikati.

**18.** Pero rigward l-ammont tal-hsara, id-difiza ghandha ragun. Fil-fatt, fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ransely qal li anki hu ra l-istima li tah Joseph Vassallo gholja, imma peress li ma jifhimx fil-hgieg, hareg l-imputazzjoni a bazi ta' din l-istima. Fil-mori tal-proceduri, Joseph Vassallo xehed li kien ircieva stima tal-hsara izjed baxxa fl-ammont ta' €3776. In vista ta' din id-diskrepanza fl-istimi, l-Ufficjal Prosekutur talab li jigi mahtur espert sabiex jikkwantifika l-ammont u l-ispejjez tal-hgieg, u l-Qorti hatret ghal dan l-iskop lill-Perit Richard Aquilina.

---

[4] Ara fol. 45 tal-process.

**19.** Mix-xhieda u mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina jirrizulta li l-ispejjez biex tigi irrangata l-hsara hija bejn €750 u €960, a bazi ta' stimi ta' hgieg li ircieva, u l-istima tieghu biex jigu stampati l-istickers ghal fuq il-hgieg. Ghalhekk, il-hsara kagunata ma teccedix l-ammont ta' €2,500.

**20.** Ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni kif dedotta, imma ser issibha hatja li ghamlet hsara volontarja li ma teccedix €2,500, izda li teccedi €250.

*It-Tieni Imputazzjoni – Ksur tal-Digriet tal-Helsien mill-Arrest*

**21.** Mill-provi prodotti u mill-ammissjoni tal-imputata stess, din l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

**22.** Ghalkemm, l-imputata irregistrat ammissjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, din l-ammissjoni giet irregistrata proprju fl-ahhar seduta, meta id-difiza ghalqet il-provi taghha, u ovvjament wara li l-Prosekuzzjoni kienet diga ressqet il-provi kollha fir-rigward. Huwa ovvju li meta l-imputata sabet ruhha darha mal-hajt ghaliex irrealizzat li l-Prosekuzzjoni kienet ippruvat din l-imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, hija irregistrat ammissjoni bl-isperanza li tiehu xi mitigazzjoni fil-piena. Pero l-imputata ma tista' tinghata l-ebda beneficcju a bazi ta' din l-ammissjoni registrata tant tardivament, stante li hi xorta hliet ir-rizorsi tal-Pulizija u ta' din il-Qorti.

**23.** Ghalkemm il-fedina penali tal-imputata mhix wahda allarmanti, mill-provi jirrizulta li l-imputata ghandha dipendenza qawwija fuq il-kokajina, u sa ma nbdew dawn il-proceduri ma wriet l-ebda impenn biex tindirizzaha. Fil-fatt b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-11 ta' Novembru 2019 hija tpoggiet taht ordni ta' probation, pero fit-28 t'Awwissu 2020, l-Ufficjal tal-Probation intavolat denunzja stante li l-imputata ma kinietx qed izzomm kuntatt maghha, u naqset milli izzomm mal-pjanijiet imfassla ghaliha sabiex

teghleb il-vizzju tad-droga.[5] Hija nstabet hatja b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tat-28 ta' Lulju 2021.[6]

**24.** In oltre, minkejja li wahda mill-kundizzjonijiet fid-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tas-6 ta' Mejju 2020, kienet li kif ir-restrizzjonijiet marbuta mal-pandenemija tal-Covid 19 jigu imnehhija, jew meta jkun possibbli li l-imputata tibda progamm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, hija minnfih issegwi dan il-programm, hija naqset taghmel dan. Mhux biss talli wara l-11 ta' Novembru 2020 naqset li tkompli tiffirma l-ghassa u biddlet ir-residenza taghha, u wara diversi xhur ta' tfittxija, il-Pulizija arrestata fit-28 ta' Lulju 2021. Hija baqghet tabbuza mid-droga, tant li meta giet arrestata, il-Pulizija kellhom johduha id-Detox Centre u anke l-isptar ghax bdiet thossha ma tiflahx.[7]

**25.** Mix-xhieda ta' Maria Caruana, rapprezentant tal-Caritas jidher li f'dawn l-ahhar xhur, kemm ilha arrestata in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, l-imputata tidher immotivata li tibda programm residenzjali. Il-Qorti tawspika, fl-interess taghha stess u tas-socjeta in generali, li l-motivazzjoni taghha hija wahda genwina u mhux intiza biex timpressjona l-Qorti sabiex tinghata piena baxxa.

**26.** M'hemmx dubbju li l-provi kollha juri l-imputata m'hux ser jirnexxielha tgheleb il-vizzju tad-droga jekk mhux se tkun f'post ikkontrollat, bhalma hi l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk il-piena ghandha fi kwalunkwe kaz tkun wahda ta' habs effettiv, u jekk l-imputata tkompli bix-xewqa taghha li tbiddel hajjitha, hija tista' taghmel dan, tramite il-proceduri ta' din il-Facilita. Dan huwa ukoll rikonoxxut mill-imputata, stante li Maria Caruana xehdet li l-imputata qaltilha li hi tixtieq taghmel programm residenzjali dirett mill-Facilita, u ma tixtieqx tohrog barra, ghaliex fost affarijiet ohra l-ambjent familjari taghha ma jghiniex.[8] Mix-xhieda ta' Maria Caruana il-programm residenzjali ta' riabilitazzjoni idum disa' (9) xhur.

**27.** Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammont ta' danni kagunati, u li ai termini tal-Artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali ir-reat ghal tali danni igorr mieghu

[5] Ara fol. 101 tal-process.
[6] Ara fol. 126 tal-process.
[7] Ara fol. 22 tal-process.
[8] Ara fol. 181 u 185 tal-process.

piena minn tminn (8) xhur sa erbatax (14)-il xahar prigunerija. In oltre, Joseph Vassallo xehed li l-istabbiliment Zen to Go m'ghandux intenzjoni jistitwixxi proceduri kontriha ghad-danni subiti.

**28.** Bl-emendi li saru bl-Att XXIX tal-2021, l-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali illum jaqra hekk:

*"Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

**29.** L-Artikolu 579(3) imbghad jippreskrivi hekk:

*"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza."*

**30.** Minn qari ta' dan l-Artikolu 579(2) kif emendat huwa ċar li meta persuna tkun imressqa taħt arrest u mixlija bil-ksur ta' xi kundizzjoni imposta mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat. La darba il-leġiżlatur uża l-kliem "għandha" u "għandu" l-konfiska taħt dan is-subartikolu baqgħet tassattiva. Dak li tħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti huwa jekk għandux jiġi konfiskat l-ammont tal-garanzija kollu jew parti minnu, u dan skond il-gravita tar-reat, u ċioe il-gravita tal-ksur li a bażi tiegħu l-imputat ikun instab ħati tar-reat in eżami. Permezz ta' din id-diskrezzjoni imħollija lilha l-Qorti għandha tassigura li s-sanzjoni imposta tkun proporzjonata mal-ksur, meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.

**31.** Il-konfiska tal-garanzija (u r-riarrest ta' l-imputat meta jkun il-każ) mhux l-unika sanzjoni prevista f'każ ta' sejbien ta' ħtija għar-reat prospettat fis-subartikolu (2) imma hemm prevista wkoll il-piena ta' multa u/jew priġunerija fil-parametri hemm stabbiliti.

**32.** Fil-każ in eżami l-imputata naqset li tosserva erba' kundizzjonijiet minn dawk imposti fuqha, u cioe li tiffirma kuljum l-ghassa, biddlet l-indirizz tar-residenza taghha minghajr ma infurmat lill-Pulizija, u ovvjament ma kienitx qed tirrinkaza f'din ir-residenza, u dan ghal perjodu ta' iktar minn tminn xhur - mit-12 ta' Novembru 2020 sat-28 ta' Lulju 2021, meta giet arrestata, naqset li tibda l-programm ta' riabilitazzjoni malli tkun tista' tghamel dan, u ikkommettiet reat volontarju waqt li kienet mehlusa mill-arrest. Certament, li tali ksur tal-kundizzjonijiet m'huwiex wiehed negligibbli, u ghalkemm il-Qorti tqis li l-piena m'ghandhix tkun wahda lejn il-massimu, lanqas tara li hemm ragunijiet ghalfejn ghandha tkun wahda lejn il-minimu.

**Konkluzjoni**

**33.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Wara li rat l-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghha, u fil-waqt li ma ssibhix hatja tal-ewwel imputazzjoni in kwantu ibbazata fuq l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9, issibha hatja tar-reat kompriz u involut kontemplat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kapitolu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannha ghal piena karcerarja ta' sbatax (17)-il xahar prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputata ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hija kienet qed tiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija;

2. Inoltre il-Qorti qed tirrevoka id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tas-6 ta' Mejju 2020 moghti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Imhallef Dr Edwina Grima, u tordna l-arrest mill-gdid tal-hatja.

3. tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf u hames mitt Euro (€1500) formanti parti mill-garanzija personali imposta fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest tas-6 ta' Mejju 2020 moghti mill-Qorti Kriminali, li jekk ma jithallsux, ikunu konvertibbli f'perjodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi.

4. tiċhad it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-konfiska tar-rimanenti ammont tad-depositu u tal-garanzija personali.

5. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hatja thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tlett mija u ghaxar Euro u sittax-il centezmu (€310.16), li ghandhom jithallsu mhux aktar tard minn zmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lil din il-Qorti diversament preseduta li quddiemha jinsabu pendenti l-proceduri kriminali kontra l-imputata.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**